

# IR-REĠINA B'NOSTALĠIJA TAŻ-ŻMIEN SABIĦ F'MALTA

## L-AĦĦAR XHUR TAL-PANDEMIJA SERVEW GĦAL IŻJED ĦIN FLIMKIEN GĦALL-KOPPJA RJALI BRITTANIKA, L-EWWEL DARBA MINDU KIENU JGĦIXU F'VILLA GUARDAMANGIA MAS-70 SENA ILU

Għall-ewwel darba f'madwar 70 sena, ir-Reġina Eliżabetta II sabet ħin biżżejjed xi tqatta' ma' żewġha l-Prinċep Filippu, grazzi għall-miżuri ta' prevenzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Jirriżulta li l-aħħar darba li l-koppja rjali setgħu jgawdu daqstant lil xulxin kien meta kienu jgħixu f'Villa Guardamangia f'Malta bejn l-1949 u l-1951.

Skont ir-Reġina nnifisha dak kien fost l-isbaħ żmien f'ħajja "normali" fejn hi u żewġha, li kien stazzjonat f'Malta bħala parti mis-servizz militari tiegħu, gawdew lil xulxin anke għall-kwiet tal-ġnien tal-istess villa li hi wkoll għenet fid-disinn tiegħu. Dak iż-żmien f'Malta, Eliżabetta kienet għadha Prinċipessa.

Jingħad li l-aħħar seba' xhur li għaddew fil-pandemija qanqlu n-nostalġija fir-Reġina għal ftit ħin maqtugħa mill-impenji rjali tagħha, simili għaż-żminijiet sbieħ f'Villa Guardamangia fejn kienet tqatta' l-iżjed il-ħin ta' filgħodu tagħmel xogħol ta' ġardinaġġ u filgħaxija tgawdi lill-maħbub tagħha d-Duka ta' Edinburgh. Fl-20 ta' Novembru li ġej se jaħbat it-73 anniversarju miż-żwieġ tal-koppja rjali, li kien seħħ f'Westminister Abbey, Londra.

Kumbinazzjoni, din is-sena Villa Guardamangia nxtrat mill-Gvern Malti bl-iskop li tiġi ppriservata bħala patrimonju kulturali Malti u issa tinsab f'idejn Heritage Malta bil-ħsieb, li wara restawr intensiv, tinbidel f'mużew tal-istorja tar-relazzjonijiet bejn Malta u r-Renju Unit, li jinkludu wkoll id-diversi żjarat tar-Reġina f'Malta. Minbarra hekk, il-villa għad fiha numru ta' oġġetti li kienu jintużaw mir-Reġina u għalhekk dawn ikomplu jagħtu valur storiku lil din il-proprjetà.

Fi tmiem il-ġimgħa li għadda, il-gazzetta Ingliża *The Mail on Sunday* irrapportat kif ir-Reġina ħarbet mir-restrizzjonijiet imposti bil-COVID-19 fil-Kastell ta' Windsor biex tqatta' tmiem il-ġimgħa twil mal-Prinċep Filippu f'Wood Farm, f'Sandringham.

Wara li rritornat għall-impenji rjali, ir-Reġina kienet maqtugħa mid-Duka għall-aħħar xahar, iżda l-ġimgħa l-oħra ħadet l-opportunità biex tivvjaġġa sa Wood Farm biex tkun ma' żewġha eżatt qabel ir-Renju Unit ingħalaq f'lockdown u kienet mistennija terġa' titlaq lura għax-xogħol fil-bidu ta' din il-ġimgħa.

Id-Duka, li għandu 99 sena, ilu jgħix f'din il-farmhouse modesta f'Norfolk mindu faqqgħet il-pandemija u mindu rtira mill-ħajja rjali tiegħu fl-2017. Ir-residenza, li hi nieqsa minn ħafna formalitajiet irjali, hi meqjusa wkoll bħala l-ħarba ideali tar-Reġina mill-impenji tagħha u saħansitra ġieli ssajjar hi.

Minkejja dan, f'Marzu li għadda l-Prinċep telaq biex jingħaqad mar-Reġina f'Windsor fejn qattgħu erba' xhur flimkien taħt miżuri speċifiċi li ġew addottati. Ir-residenza fil-fatt ġiet imlaqqma l-"HMS Bubble".

It-tnejn ukoll kellhom vaganza f'Awwissu li għadda, iżda qattgħu ħesrem l-għaxar ġimgħat tas-soltu fl-Iskozja minħabba li r-restrizzjonijiet hemmhekk kienu jillimitaw iż-żjarat minn qraba u ħbieb.

*The Mail on Sunday* qalet li d-Duka mbagħad ried jirritorna f'Wood Farm u, f'mossa mhux tas-soltu, ir-Reġina ddeċidiet li tingħaqad miegħu qabel irritornat f'Windsor waħedha fil-bidu ta' Ottubru.

Il-ħsieb tagħha kien li tivvjaġġa bejn Norfolk, Windsor u Buckingham Palace fejn ikollha l-impenji uffiċjali tagħha, iżda jidher li dan ma kienx possibbli bil-għan li tinżamm l-integrità tal-"Bubble", fejn il-ħaddiema jridu jiżolaw lilhom infushom għal ġimagħtejn qabel ikunu jistgħu jservu lir-Reġina ta' 94 sena.

Nhar il-Ħamis li għadda, ir-Renju Unit irritorna għal lockdown u restrizzjonijiet oħrajn kawża tal-livell għoli ta' infezzjonijiet. Il-Ħadd li għadda kienu rreġistrati iżjed minn 23,000 każ ġdid pożittiv fil-pajjiż.



